

Brussell, 25 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10680/19

SOC 519
EMPL 400

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema Ħatra tas-Sur Christian LACINA, membru supplenti għall-Awstrija, minflok is-Sur Hansjörg PAYR li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Hansjörg PAYR bħala membru supplenti tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem (għall-Awstrija).
2. Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema f' idan l-Unjoni, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-Gvern tal-Awstrija nnomina lill-kandidat li ġej għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2020¹:

Is-Sur Christian LACINA
Bundesministerium für Arbeit, Soziales, Gesundheit und Konsumentenschutz
Abt. VI/A/10
Stubenring 1
A-1010 Vjenna
Tel. 0043/1/71100/866590
Fax 0043/1/7189470/2537
Indirizz elettroniku: christian.lacina@sozialministerium.at

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:
- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill meħmuża li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema, u
 - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

¹ ĠU C 366, 10.10.2018, p. 4.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni², u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu.

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tat-28 ta' Settembru 2018³, tal-15 ta' Ottubru 2018⁴, tad-19 ta' Novembru 2018⁵ u tat-18 ta' Frar 2019⁶, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perijodu li jintemm fl-24 ta' Settembru 2020.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Hansjörg PAYR, sar vakanti siġġu ta' membru upplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem.
- (3) Il-Gvern tal-Awstrija ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.

³ ĠU C 366, 10.10.2018, p. 4.

⁴ ĠU C 376, 18.10.2018, p. 9.

⁵ ĠU C 421, 21.11.2018, p. 7.

⁶ ĠU C 67, 20.2.2019, p. 2.

Artikolu 1

Is-Sur Christian LACINA huwa b'dan maħtur membru supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema minflok is-Sur Hansjörg PAYR għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2020.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President

=====